**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum il-Hamis, 5 ta' Dicembru, 2019**

Numru 2

**Rikors Guramentat Nru. 802/2019**

**HSBC Bank Malta p.l.c.**

**vs**

**Solid Structures Company Limited,**
**Kurt Cini, Frank Ellul, Alfred Ellul, Catherine Ellul u**
**b'nota tal-24 ta' Settembru 2019**
**Kurt Cini assuma l-atti ghan-nom tal-eredita ta' Boris Cini**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal bank attur tad-19 ta' Awwissu, 2019 li jghid hekk:

1. Illi in forza ta' diversi kuntratti fl-atti tan-Nutar Dottor Pierre Cassar li saru matul is-snin mis-sena 1996 'l quddiem, il-Bank attur ta facilitajiet bankarji lill-kumpannija Steel Structures Company Limited (C4192) konsistenti f'overdraft facilities u self, u dan kif jirrizulta mill-kuntratt datat 28 ta' Frar 2007 (Dok. A);

2. Illi matul ii-imien dawn il-facilitajiet baqghu jiggeddu u jizdiedu kif jirrizulta mis-Sanction Letters datati 19 ta' Dicembru 2014 u 7 ta' Dicembru 2015 (ara Dok. B u Dok. C rispettivament) biex b'hekk l-istess kumpanija Steel Structures Company Limited ghandha thallas lill-Bank attur it-total ta' hames miljun erba' mija u sittin elf u sitta u ghoxrin ewro u tmenin centezmu [€5,460,026.80], dovuta in kwantu ghal €4,573,513.23 bhala bilanc mill-kapital u in kwantu ghar-rimanenti €886,513.27 bhala imghax ikkalkulat sat-28 ta' Novembru 2018 fuq diversi kontijiet kif spjegat hawn taht, u kif jirrizulta mill-istatement anness bhala Dok. D1 sa Dok. D11, u dan oltre l-imghax legali ulterjuri fuq il-kapital mid-29 ta' Novembru 2018 sad-data tal-pagament effettiv:

a. Is-somma ta' €1,728,645.24 dovuta in kwantu ghal €1,455,149.66 bhala kapital u in kwantu ghar-rimanenti €273,495.58 bhala imghax ikkalkulat sat-28 ta' Novembru 2018, liema somma hija dovuta fuq kont tat-tip 'Overdraft' bin-numru 013-075502-001 li giet debitament moghtija lill-kumpanija debitrici Steel Structures Company Limited mill-Bank attur fuq talba taghha stess fuq facilita ta' overdraft taht il-General Banking Facility;
b. Is-somma ta' €65,891.62 dovuta in kwantu ghal €54,522.27 bhala kapital u in kwantu ghar-rimanenti €11,369.08 bhala imghax ikkalkulat sat-28 ta' Novembru 2018, liema somma hija dovuta fuq il-kont bin-numru 013-075502-200 li giet debitament moghtija lill-kumpanija debitrici Steel Structures Company Limited mill-Bank attur fuq talba taghha stess fuq facilita ta' 'Business Loan' il-General Banking Facility;
c. Is-somma ta' €1,108,149.18 dovuta in kwantu ghal €916,615.93 bhala kapital u in kwantu ghar-rimanenti €191,533.25 bhala imghax ikkalkulat sat-28 ta' Novembru 2018, liema somma hija dovuta fuq il-kont bin-numru 013-075502-203 li giet debitament moghtija lill-kumpanija debitriä Steel Structures Company Limited mill-Bank attur fuq talba taghha stess fuq facilita ta' 'Business Loan' taht il-General Banking Facility;
d. Is-somma ta' €1,269.219.33 dovuta in kwantu ghal €1,056,920.60 bhala kapital u in kwantu ghar-rimanenti €212,298.73 bhala imghax ikkalkulat sat-28 ta' Novembru 2018, liema somma hija dovuta fuq ilkont bin-numru 013-075502-204 li giet debitament moghtija lill-kumpanija debitrici Steel Structures Company Limited mill-Bank attur fuq talba taghha stess fuq facilita ta' 'Business Loan';
e. Is-somma ta' €129,734.16 dovuta in kwantu ghal €107,732.12 bhala kapital u in kwantu ghar-rimanenti €22,002.04 bhala imghax ikkalkulat sat-28 ta' Novembru 2018, liema somma hija dovuta fuq il-kont bin-numru 013-075502-205 li giet debitament moghtija lill-kumpanija debitrici Steel Structures Company Limited mill-Bank attur fuq talba taghha stess fuq facilita ta' 'Business Loan';
f. Is-somma ta' €336,019.60 dovuta in kwantu ghal €278,268.19 bhala kapital u in kwantu ghar-rimanenti €57,751.41 bhala imghax ikkalkulat sat-28 ta' Novembru 2018, liema somma hija dovuta fuq il-kont bin-numru 013-075502-206 li giet debitament moghtija lill-kumpanija debitrici Steel Structures Company Limited mill-Bank attur fuq talba taghha stess fuq facilita ta' self taht il-General Banking Facility;
g. Is-somma ta' €98,145.45 dovuta in kwantu ghal €84,229.66 bhala kapital u in kwantu ghar-rimanenti €13,915.79 bhala imghax ikkalkulat sat-28 ta' Novembru 2018, liema somma hija dovuta fuq il-kont bin-numru 013-075502-208 li giet debitament moghtija lill-kumpanija debitrici Steel Structures Company Limited mill-Bank attur fuq talba taghha stess fuq facilita ta' self taht il-General Banking Facility;
h. Is-somma ta' €24,149.70 dovuta in kwantu ghal €20,000.00 bhala kapital u in kwantu ghar-rimanenti €4,149.70 bhala imghax ikkalkulat sat-28 ta' Novembru 2018, liema somma hija dovuta fuq il-kont binnumru 013-075502-210 li giet debitament moghtija lill-kumpanija debitrici Steel Structures Company Limited mill-Bank attur fuq talba taghha stess fuq facilita ta' self taht il-General Banking Facility;
i. Is-somma ta' €353,274.79 dovuta in kwantu ghal €300,467.92 bhala kapital u in kwantu ghar-rimanenti €52,806.87 bhala imghax ikkalkulat sat-28 ta' Novembru 2018, liema somma hija dovuta fuq il-kont bin-numru 013-075502-212 li giet debitament moghtija lill-kumpanija debitrici Steel Structures Company Limited mill-Bank attur fuq talba taghha stess fuq facilita ta' self taht il-General Banking Facility;
j. Is-somma ta' €333,919.53 dovuta in kwantu ghal €288,583.12 bhala kapital u in kwantu ghar-rimanenti €45,336.41 bhala imghax ikkalkulat sat-28 ta' Novembru

2018, liema somma hija dovuta fuq il-kont bin-numru 013-075502-213 li giet debitament moghtija lill-kumpanija debitrici Steel Structures Company Limited mill-Bank attur fuq talba taghha stess fuq facilita ta' self taht il-General Banking Facility; u k. Is-somma ta' €12,878.20 dovuta in kwantu ghal €11,023.76 bhala kapital u in kwantu ghar-rimanenti €1,854.44 bhala imghax ikkalkulat sat-28 ta' Novembru 2018, liema somma hija dovuta fuq il-kont bin-numru 013-075502-340 gia bin-numru 4568823030179328 li giet debitament moghtija lill-kumpanija debitriéi Steel Structures Company Limited mill-Bank attur fuq talba taghha stess fuq facilita ta' Visa credit card;

3. Illi l-kumpanija Steel Structures Company Limited naqset milli taghmel l-pagamenti rikjesti u miftehma ai termini tas-sanction letters fuq imsemmija u ghaldaqstant iddekadiet mill-benefittju tat-terminu moghti lilha skont il-kundizzjonijiet tal-istess sanction letter u tal-kuntratti ta' self u overdraft facilities relattivi;

4. Illi l-konvenuti huma debituri tal-Bank bhala garanti solidali mad-debitrici principali Steel Structures Company Limited u bejniethom fuq id-djun fuq imsemmija ai termini ta' diversi garanziji bankarji iffirmati minnhom:
a. Illi l-kumpanija Solid Structures Company Limited intrabtet bhala garanti solidali ghall-ammont ta' seba' miljuni, u hames mitt elf ewro (€7,500,000) permezz ta' hames (5) garanzija bankarja bankarja datata 6 ta' Frar 2015 (Dok. E, F, G, H, I);
b. Kurt Cini intrabat bi tlett garanziji bankarji iffirmati fit-23 ta' Ditembru 2014 ghal total globali ta' seba miljuni u hames mitt ewro (€7,500,000) (Dok. J sa L);
c. Boris Cini, illum mejjet, intrabat bi tlett garanziji bankarji iffirmati fit-30 ta' Jannar 2015 ghal total globali ta' seba miljuni u hames mitt ewro (€7,500,000) (Dok. M sa 0);
d. Frank Ellul intrabat bi tlett garanziji bankarji iffirmati fit-23 ta' Dicembru 2014 ghal total globali ta' seba miljuni u hames mitt ewro (€7,500,000) (Dok. P sa R); u
e. Il-koppja Alfred u Catherine konjugi Ellul flimkien intrabtu bi tlett garanziji bankarji iffirmati fit-26 ta' Dicembru 2018 ghal total globali ta' seba miljuni u hames mitt ewro (€7,500,000) (Dok. S sa U);

5. Illi ghalkemm il-konvenuti gew kollha interpellati permezz ta' hames ittri ufficjali separati ilkoll datati 29 ta' Mejju 2017 (Dok. V- sa ZW), kollha baqghu inadempjenti;

Ghaldaqstant, prevja kwalunkwe dikjarazzjoni necessarju u opportuna, il-Bank esponenti jitlob umilment li din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

(i) Tiddikjara li l-konvenuti huma debituri tal-Bank attur bhala garanti solidali mal-kumpanija Steel Structures Company Limited u bejniethom fis-somma ta' hames miljuni, erba' mija u sittin elf, u sitta u ghoxrin ewro u tmenin centezmu (€5,460,026.80) dovuta kif fuq spjegat, oltre l-imghax legali ulterjuri mid-29 ta' Novembru 2018 sad-data tal-pagament effettiv;

(ii) Tikkundanna lill-konvenuti bhala garanti solidali mal-kumpanija Steel Structures Company Limited sabiex ihallsu lill-Bank attur, solidalment bejniethom l-imsemmija somma ta' hames miljuni, erba' mija u sittin elf, u sitta u ghoxrin ewro u tmenin centezmu (€5,460,026.80) bl-imghax ulterjuri mid-29 ta' Novembru 2018 sad-data tal-pagament effettiv;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-hames ittri ufficjali Ikoll datati 29 ta' Mejju 2017 u l-imghax legali kif fuq mitlub, kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuti kollha li tghid hekk:

Preliminari
1. Preliminarjament illi l-konvenuti huma mharrkin bhala garanti solidali tas-socjeta Steel Structures Company Limited li ex admissis mill-istess atturi hija d-debitur principali. Illi kontra Steel Structures Company Limited l-istess bank attur ma hax passi legali sabiex jigi kkanonizzat kreditur tal-istess, imma minflok ghamel procedura ai termini tal-artikolu 214 et sequitur tal-Kap. 386, fejn qed jitlob li s-socjeta Steel Structures Company Limited ghandha tigi xolta stante li ma hijiex fi stat li thallas id-djun taghha. Dil-procedura hija rikors numru 1/19JZM fl-ismijiet HSBC Bank Malta p.l.c. (C3177) vs Steel Structures Company Limited.
Illi naturalment, jekk il-bank attur ser jirbah din il-kawza kontra l-garanti solidali u jesegwixxi din is-sentenza, kwalunkwe pagament li ser isir, ser isir a beneficcju tas-socjeta Steel Structures Company Limited. Illi b'hekk il-bank tramite dil-procedura jista' jinghata vantagg fuq kredituri ohra, u dan imur kontra l-ispirtu tal-artikoli 220 et sequitur tal-Kap. 386. Barra minn hekk, quddiem din il-Qorti diversement preseduta, gia qed isir esercizzju sabiex jigi stabbilit, jekk id-debitur principali, i.e. is-socjeta Steel Structures Company Limited, hijiex ta’ posizzjoni li thallas id-djun taghha. B'hekk gia hemm proceduri pendenti sabiex jistabilixxu jekk Steel Structures Company Limited hijiex f'qaghda li thallas id-djun taghha jew le.
Illi b'hekk sakemm tigi deciza il-procedura 1/19JZM, din il-Qorti ghandha tastjeni milli tkompli tisma din il-kawza, stante li jista' jirrizulta li jkun hemm sentenza li tghid li d-debitur principali huwa f'qaghda li jhallas djunu, hu b'hekk ma jkunx hemm htiega li wiehed idur fuq il-garanti kif qed jaghmel il-bank attur.
Illi huwa pacifiku li l-beneficium escussionis ma japplikax fil-kummerc meta ghandek garanzija solidali, imma in vista tal-procedura mressqa mill-bank attur stess (1/19JZM), kien l-istess bank attur li ghazel li jrid jiddiskuti s-solvenza ommeno tad-debitur principali, quddiem din l-istess Qorti diversement preseduta; u una volta li ghazel din it-triq, issa jrid jistenna l-ezitu tal-istess.

2. Illi in vista tal-fatt li l-konvenuti qed jitharrku bhala garanti tas-socjeta Steel Structures Company Limited, irid jigi ppruvat li d-debitu ta' Steel Structures Company Limited jezisti u jammonta ghall-ammont pretiz, madankollu Steel Structures Company Limited ma hijiex parti fil-kawza u ma hemm ebda titolu esekuttiv kontriha. Fil-fatt l-ewwel talba hija talba sabiex jigi dikjarat li Steel Structures Company Limited hija debitrici flimkien mal-konvenuti, madankollu Steel Structures Company Limited ma hijiex parti mill-proceduri. U b'hekk ittalbiet tal-attur huma monki u insostenibbli u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, una volta t-talba attrici hija li l-konvenuti jigu dikjarati debituri flimkien ma' Steel Structures Company Limited, u una volta ezitu potenzjalment posittiv ghall-atturi, meta esegwit, ser jammonta ghal pagament kontra d-debitu li Steel Structures Company Limited, allura il-konvenuti fizici, Kurt Cini, Frank Ellul, Kurt Cini bhala kuratur ta' Boris Cini, Alfred Ellul, u Catherine Ellul qua kontributorji ta' Steel Structures Company Limited, u l-konvenuti kollha qua kredituri ta' Steel Structures Company Limited, qeghdin jinvokaw l-artikolu 220 tal-

Kap. 386 u jitolbu li l-Qorti sabiex twaqqaf din il-procedura b'dawk il-kondizzjonjiet li jidhrilha xierqa.

Fil-mertu
4. Illi l-ammont rikjest huwa eccessiv u ma hemmx qbil dwar l-ammont pretiz mill-atturi. Fil-fatt trid tingieb prova mill-atturi kif waslu ghas-somma pretiza.

5. Illi saru pagamenti li l-atturi ma hadux in konsiderazzjoni, u kwindi l-ammont pretiz huwa inferjuri ghal dak rikjest.

6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti u semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghal provvediment fuq l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti jekk il-Qorti ghandhiex tissoprasjedi sakemm tinstema talba li qed jaghmel il-bank ai termini tal-artikolu 214 tal-Kap. 386 li jghid hekk fil-paragrafu 214(2)(a)(ii):

> 214. (2) Barra mill-mod ta' xoljiment imsemmija fis-subartikolu (1) –
> (a) kumpannija tista' xxolji u tkun stralcjata mill-qorti fic-cirkostanzi li gejjin –
> (ii) il-kumpannija ma tkunx tista' thallas id-djun taghha;

**Ikkunsidrat**

It-talba attrici saret kontra l-kumpanija Solid Structures Company Limited qua garanti tal-allegat debitu li Solid Structures Company Limited ghandha mal-bank kif ukoll kontra l-hames garanti solidali l-ohra tad-debitu tal-imsemmija kumpanija debitrici sal-ammont minnhom garantit. Ftit qabel din il-procedura, il-bank fetah il-proceduri msemmija aktar il-fuq ghax-xoljiment tal-kumpanija Solid Structures Company Limited ghax fil-fehma tieghu l-kumpanija mhix f'pozizzjoni li thallas id-debitu.

Il-konvenuti kollha qed jopponu li din it-talba tkompli tinstema qabel ma tigi deciza l-kwistjoni quddiem din il-Qorti diversament preseduta cioe jekk il-kumpanija debitrici hix f'pozizzjoni li thallas djunha u fin-nuqqas il-kumpanija tigi xolta. Huma jsostnu li l-azzjoni quddiem din il-Qorti, jekk titkompla u tigi deciza qabel l-ohra tista' taghti vantagg lil bank kreditur fuq kredituri ohra kontra dak li jrid l-ispirtu tal-artikolu 220 tal-Kap. 386. Izidu li jekk l-azzjoni l-ohra tqis li l-kumpanija hi f'pozizzjoni li thallas djunha allura ma hemmx il-htiega li l-bank idur kontra l-garanti. La darba l-bank

ghazel it-triq taht l-artikolu 214 irid issa jistenna l-ezitu ta' dik l-azzjoni biex jigi stabbilit qabel kollox is-solvenza tal-kumpanija.

L-artikolu 220 jghid hekk:

> 220. F'kull zmien wara li jkun ipprezentat rikors ghal stralc, u qabel ma jinghata ordni ghal stralc, il-kumpannija, jew kull kreditur jew kontributorju, jistghu jaghmlu rikors lill-qorti biex twaqqaf il-procedimenti gudizzjali tal-qorti pendenti kontra l-kumpannija, u l-qorti tista' twaqqaf dawk il-procedimenti b'dawk il-kondizzjonijiet li jidhrilha xierqa.

In tema legali l-Qorti fil-procediment **Banif Bank (Malta) plc vs Cassar & Schembri (Marketing) Limited et**, (PA 21/04/2016):

> Illi huwa stabilit li "The presentation of a petition does not automatically result in a stay of actions or proceedings against a company. An applicant … has the burden of persuading the court to restrain the proceedings; this is to be expected because at that point it is not known whether or not the company will in fact enter liquidation and it would be inequitable to restrain actions or proceedings against the company unless there was some special reason" (Bailey, Groves & Smith *Corporate Insolvency Law & Practice* (2nd Edit.) § 8.75 f'pag. 358);
>
> Illi l-kwestjoni dwar x'jigri meta titressaq talba ghall-ghoti ta' ordni ta' stralc kontra kumpannija li kontra taghha dak iz-zmien ikun hemm kawza jew kawzi miexja, jidher li l-legislatur haseb ghaliha fid-dispozizzjonijiet tal-artikolu 220 tal-Att. Kif jinghad mill-awturi "the philosophy behind this provision is to ensure that claims against the company are dealt with by way of submitting a proof in liquidation and challenging the liquidator's decision if the claimant disagrees with the decision. The aim of the proof procedure in liquidation is to ensure an orderly, speedy and cheap resolution of claims against the company rather than submitting the company to a protracted process of litigation … The guiding principle for the granting of leave is basically one of whether the claim is better suited to be determined in the winding-up proceedings or in ordinary litigation; in the majority of cases this will result in the matter being dealt with by way of the liquidation process" (Ibid. §§ 8.76, 8.79, f'pagg. 358 – 9);
>
> Illi l-Qorti hija tal-fehma li l-jedd u s-setgha ghall-ghoti ta' decizjoni ta' soprasessjoni bhal din huwa moghti lil dik il-Qorti li quddiemha jkun qieghed jitmexxa l-process tax-xoljiment u l-istralc tal-kumpannija. Sakemm ma jkunx hemm ordni bhal dak, il-kawza pendenti tkompli tinstema';

Applikat dan il-principju ghal kaz prezenti l-Qorti tqis li ghalkemm il-bank qed jallega li l-kumpanija mhix f'pozizzjoni li thallas id-debitu u beda proceduri ghal xoljiment tal-istess, ma ghadu jkun ta' ebda xkiel illi <u>sakemm ma jkun hemm ebda ordni mod iehor</u>

mill-Qorti li qed tisma l-proceduri tax-xoljiment (sottolinear tal-Qorti), il-bank ifittex li jigi kanonizzat il-kreditu tieghu bil mezzi li taghtih il-ligi kontra l-kumpanija debitrici tieghu. Dan japplika wkoll fil-konfront tal-garanti solidali li fil-kummerc ma jistghux jressqu l-beneficcju tal-eskussjoni tad-debitur principali. Ir-ragunijiet migjuba mil-konvenuti ghaliex ghandu jkun hemm soprasessjoni f'din il-kawza mhumiex rilevanti ghal fini tal-azzjoni odjerna kif impostata u l-eccezzjoni kif imfassla.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi li f'dan l-istadju ma hux lecitu li issir soprassessjoni tal-kawza u qed tichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti. Spejjez ghall-konvenuti.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur